MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 1/2008/2

**Saed Salem Saed**

**v.**

**Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati;**
**Kummissarju tal-Pulizija bhala**
**Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni;**
**u b'dikriet tad-19 ta' Gunju 2008 issejjah fil-kawza**
**l-Avukat Generali f'isem il-Gvern ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressaq l-attur fit-3 ta' Jannar, 2008, li jaqra hekk:

“Illi l-attur huwa ta' nazzjonalita` Libjana illi bhalissa jinstab detenut gewwa Ta' Kandja Detention Centre (SAG), limiti ta' Siggiewi;

“Illi fis-sena 1996 ir-rikorrent gie arrestat gewwa Benghazi mill-pulizija ghaliex madwar sena qabel kien harab minn gewwa kamp militari, precisament, 'Maskar Khadit Metiga Gewwija' fi Tripoli, fejn huwa kien intbghat sabiex jispecjalizza f'xoghol mekkaniku fuq arjuplani. Huwa mar f'dan il-kamp avolja huwa xtaq ikompli bl-edukazzjoni normali sabiex isir ghalliem;

“Illi wara gurnata gewwa habs f'Benghazi ("Il-Minawba Askarija in Genejna") gie trasferit gewwa l-kamp militari illi minnu kien harab. Huwa ghamel tlett xhur fil-habs fejn kien gie imsawwat u ittorturat. Wara tlett xhur tela' quddiem tribunali militari fejn gieghluh jiffirma konfessjoni u li accetta l-fatt illi huwa qatt ma seta’ jahdem jew jiehu flus mill-gvern Libjan. Sas-sena 1999 ma kellux problemi serji u baqa’ jahdem xoghlijiet diversi bejn Tripoli u Benghazi. Fis-sena 1999 huwa gie arrestat minhabba l-assocjazzjoni tieghu ma’ partit tal-opposizzjoni Libjan National Front for the Salvation of Libya (NFSL - Aj-jabha Al-wataniya Li-inqad Libya). Ir-rikorrent kellu kuntatt ma' membri ta' dan il-partit li kienu barra mil-Libja permezz tal-internet. Madwar gimgha wara illi arrestawh l-awtorijiet Libjani marru gewwa daru u kkonfiskaw il-passaport u l-karta tal-identita` tieghu. Il-kundizzjonijiet gewwa l-habs kienu harxa u dam hemm xi 9 xhur. F'Novembru 1999 gie rrilaxxat;

“Illi r-rikorrent kien iddeterminat illi jitlaq il-Libja. L-awtoritajiet Libjani ma tawhx il-passaport u ghalhekk huwa telaq mil-Libja ghal Malta f'Gunju 2000 permezz tal-passaport ta' huh Ibrahirn. Huwa dam sentejn u nofs Malta u kellu tifel Anis li twieled fis-17 ta' Dicembru 2001, minn relazzjoni illi kellu ma’ mara Maltija. F'Jannar 2003 gie arrestat minhabba li kien Malta rregolarment u f'Marzu 2003 intbaghat l-Egittu. Mill-Egittu gie iddeportat lejn il-Libja u hemmhekk gie ddetenut ghal disa' xhur fil-habs Il

Hem mil Dahiri gewwa Benghazi. Il-kundizzjonijiet fil-habs regghu kienu harxa;

“Illi f'Novembru 2003, huwa harab u l-ewwel mar Benghazi imbaghad Sebha fejn ghex sa Dicembru 2005. Huwa rega' mar Tripoli bil-karta tal-identita` ta' huh. Huwa rega' irnexxielu jgib visa ghal Malta via Tunisia permezz tal-passaport ta' neputi tieghu. Huwa telaq mil-Libja f'Gunju 2006 u dahal Malta. Wara tlett ijiem Malta huwa gie arrestat minhabba glieda u dam xahar il-habs;

“Meta gie rilaxxat ried japplika ghall-istatus ta' rifugjat. Huwa prova jaghmel kuntatt mal-Jesuit Refugee Service izda dan kien f'perjodu f' Awwisu 2006 meta dan l-ufficcju kien maghluq u sarlu appuntament f'Settembru. Ir-rikorrent gie arrestat minhabba li kien Malta irregolarment u meta deher quddiem Magistrat huwa talab illi japplika ghall-istatus ta' rifugjat. Il-Magistrat informa l-awtoritajiet u r-rikorrent hekk ghamel;

“Illi l-Att dwar ir-Rifugjati jipprovdi f'Artikolu 8(2A) illi l-applikazzjoni ghall-istatus ta' rifugjat *"Rhandha ssir, u ma ghandhiex tkun valida kemm-il darba ma ssirx fi zmien xahrejn minn meta l-applikant jasal Malta".* L-istess ligi zzid tghid pero` illi *"Minkejja d-disposizzjont tas-subartikolu (2A), il-Kummissaru jista', ghal ragunijiet specjali u eccezzjonali li ghandhom jissemmew fid-decizjoni tieghu, iqis valida applikazzjoni li tkun saret wara li jkun ghalaq iz-zmien imsemmi fl-istess subartikolu (2A) u jipprocedi skont hekk";*

“Illi fil-fatt fil-kaz in ezami, ai termini tal-ligi, il-Kummissarju ghar-Rifugjati ezercita d-diskrezzjoni moghtija lilu mil-ligi hawn fuq citata u qies l-applikazzjoni tar-rikorrent bhala wahda valida, minkejja l-fatt illi huwa applika ftit wara li kien skada t-terminu ta' xaharejn, u ezamina l-mertu tal-kaz;

“Illi fid-decizjoni tieghu l-Kummissarju ghar-Rifugjati filwaqt iIli dahal fil-mertu tal-kawza u ma ssolleva ebda eccezzjoni ta' natura preliminari jew formali, irrifjuta l-

applikazzjoni ghall-istatus ta' rifugjat tar-rikorrent (Vide Dok 'A' hawn anness);

"Illi r-rikorrent appella minn din is-sentenza ai termini tal-Artikolu 7(2) taI-Att dwar il-Rifugjati (Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta) nhar id-19 ta' Lulju 2007, quddiem Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati, peress li huwa ma qabilx mad-decizjoni li ttiehdet mill-Kummissarju ghar-Rifugjati fuq il-mertu tal-applikazzjoni tieghu;

Illi minkejja dan, permezz ta' decizjoni mehuda nhar il-11 ta' Dicembru 2007 il-Bord tal-Appell dwar ir-Rifugjati nnota illi I-applikant, *'applied for refugee status in Malta long after the peremptory period of two months required by law and that you only did* so *after having been arrested for traveling on a false passport and assaulting a police officer.'* B'hekk I-appell ma giex ikkonsidrat u dan ai termini taI-Artikolu 8(2A) tal-Kap. 420 (Vide Dok. 'B' hawn anness);

"Illi r-rikorrent isostni illi din id-decizjoni giet mehuda fuq interpretazzjoni hazina tal-ligi, u dan ghaliex ai termini tal-Att dwar ir-Rifugjati huwa biss il-Kummissarju ghar-Rifugjati illi ghandu l-awtorita` jiddeciedi dwar in-nullita` o meno ta' talba ghall-azil li tkun saret iktar minn xaharejn wara li applikant ikun dahal Malta. Ma hemm xejn fil-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta illi tippermetti I-Bord tal-Appell illi jissolleva n-nullita` taI-applikazzjoni ghall-istatus ta' Rifugjat meta din tkun giet meqjusa bhala valida mill-Kummissarju ghar-Rifugjati u ma jkunx sar appell fuq dan il-punt minn xi wiehed mill-partijiet koncernati;

"Illi I-Bord taI-Appelli dwar ir-Rifugjati ghandu "s-setgha li jisma' u jiddeciedi appelli kontra xi rakkommandazzjoni tal-Kummissarju" u ghalhekk, sakemm ma jsirx appell mid-decizjoni tal-Kummissarju li jqis bhala valida t-talba tar-rikorrent, il-Bord m'ghandux is-setgha illi jirrevedi din id-decizjoni tal-Kummissarju;

"Illi konstewalment ma' din il-kawza, sabiex I-attur jikkawtela d-drittijiet tieghu, huwa se jipprezenta mandat ta' inibizzjoni kontra I-konvenut Kummissarju tal-Pulizija

bhala Principal Immigration Officer sabiex izommu milli jiddeporta l-istess attur lejn il-Libja jew kwalunkwe pajjiz iehor jew/u jaghmel kuntatt mal-ambaxxata Libjana gewwa Malta jew kwalunkwe ambaxxata ohra f'Malta sabiex jibdew il-proceduri ta' deportazzjoni tal-istess attur. L-attur qieghed jitlob hekk ghaliex huwa jsostni illi ghandu dritt isegwi l-esitu ta' din il-kawza odjerna u jekk huwa jigi deportat dan id-dritt ikun lilu prekluz.

"**Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

"1. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli tar-Rifugjati Numru RAB: 2010/07 hi affetta minn interpretazzjoni hazina tal-ligi, u senjatament tal-Att dwar ir-Rifugjati (Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta' Malta);

"2. Konsegwentement, thassar u tannulla d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli fuq imsemmija;
"3. Konsegwentement, tordna l-Bord tal-Appelli tar-Rifugjati terga' tisma' l-appell tal-attur.

"4. Tikkonferma, f'kaz illi jigi milqugh, l-mandat ta' inbizzjoni prezentat kontestwalment ma' din il-kawza fl-ismijiet Saed Salem Saed (Police No. 07AH-004) vs Kummissarju tal-Pulizija bhala Principal Immigration Officer."

Rat ir-risposta tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati u l-Kummissarju tal-Pulizija bhala *Principal Immigration Officer* li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi fl-ewwel lok u **in linea preliminari** l-azzjoni tal-attur hija irrita u nulla u dan a tenur tal-Artikolu 7(9) tal-Att Dwar ir-Refugjati (Kap. 420) li jistipula b'mod car u inekwivoku li:

*"Minkejja d-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra, izda minghajr pregudizzju ghall-Artikolu 46 tal-Kostiuzzjoni ta' Malta u minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, <u>id-decizjoni tal-Bord</u>*

*<u>tkun w3ahdas finali u konkluziva u ma tkun tista' tigi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-gustizzja</u>."*

"Ghalhekk in kwantu l-kawza odjerna mhix bazata fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319, imma hija sempliciment azzjoni li qed tattakka d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli *per se*, ir-rikors in risposta huwa legalment improponibbli.

"2. Illi **fil-mertu** u bla pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet tal-attur fl-ewwel hames paragrafi tar-rikors promotur mhumiex kondivizi mill-esponenti kif jirrizulta fost ohrajn mill-konsiderazzjonijiet u mill-konkluzjonijiet tal-Kummissarju ghar-Refugjati kontenuti fil-*Memo* esibit bhala Dok A mill-istess attur;

"3. Illi inoltre d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli tar-Refugjati fil-konfront tal-attur hija gusta u skont il-ligi u ghalhekk timerita konferma.

"4. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, applikazzjonijiet dwar status ta' refugjat huma materji li jolqtu l-*public policy* tal-Istat u ghalhekk il-Bord tal-Appell dwar ir-Refugjati ghandu d-dritt u d-dover li *ex officio* jezamina u jiddeciedi anke dwar il-kwistjoni tan-nullita` tal-appell a bazi ta' preskrizzjoni.

"5. Illi dan jinghad anke fl-isfond tal-legislazzjoni sussidjarja 420.01 (Avviz Legali 252 tal-20010 li takorda poteri wiesa lill-Bord tal-Appelli bhal per ezempju li jista' jitlob lill-Kummissarju biex jaghmel stharrig ulterjuri u biex jissuplixxi lill-Bord b'dik l-informazzjoni ulterjuri kollha hekk kif il-Bord ikun jehtieg [Art. 5 (1)(d)]. Dan jikkontradixxi ferm il-pretensjoni tal-attur li fl-ezercitar tal-poteri tal-Bord fil-kors tas-smiegh tal-appelli huma ma jistghu ebda inizzjattiva bhal ma gara fil-kaz odjern.

"6. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost il-Bord tal-Appell Dwar ir-Refugjati ezamina l-mertu tal-appell innifsu kif imressaq minn Saed Salem Saed u l-istess Bord jikkonferma c-cahda tal-applikazzjoni

ghal status ta' refugjat kif deciza mill-Kummissarju tar-Refugjati fil-Prim istanza.

"7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."

Rat li b'nota tad-19 ta' Gunju, 2008, l-attur ceda l-kawza fil-konfront tal-Bord (recte, tal-Appell) dwar ir-Refugjati;

Rat li b'digriet tad-19 ta' Gunju, 2008, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kjamat fil-kawza lill-Avukat Generali f'isem il-Gvern ta' Malta;

Rat li dak inhar stess, l-Avukat Generali laqa' n-notifika u ghamel tieghu l-eccezzjonijiet gia` mressqa mill-Bord tal-Appelli u mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Novembru, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi
"… … … tiċħad it-talbiet tal-attur u tikkundannah iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża ħlief dawk tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati li, skont il-ftehim milħuq bejn il-partijiet fid-19 ta' Ġunju 2008, għandhom jibqgħu bla taxxa."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-fatti relevanti seħħew hekk:

"L-attur għamel talba biex jingħata *status* ta' rifuġjat; din it-talba għamilha wara li kien għadda ż-żmien mogħti l-art. 8(2A) tal-Kap. 420. Il-Kummissarju qies it-talba u ċaħadha fil-meritu, iżda ma semmiex "raġunijiet speċjali u eċċezzjonali" li l-art. 8(2B) tal-Kap. 420 irid illi jissemmew fid-deċiżjoni sabiex il-Kummissarju jqis valida talba magħmula wara ż-żmien. Minflok, il-Kummissarju għamel din l-osservazzjoni:

"… … … in spite of the fact that, according to the Refugees Act, an application for recognition of refugee status "shall be made, and shall not be valid unless made, within two months of the applicant's arrival in Malta"

(8(2A)), you did NOT present your request for refugee status within the time-frame allowed by law.

“L-attur appella mid-deċiżjoni iżda l-Bord fil-11 ta’ Diċembru 2007 iddeċieda hekk:

“… … … the Refugee Appeals Board notes that you applied for refugee status in Malta long after the peremptory period of two months required by law, and that you only did so after having been arrested for travelling on a false passport and assaulting a police officer.

“For these reasons among others your request cannot be considered under article 8(2A) of Malta Refugees Act and your appeal is being rejected.

“L-attur qiegħed igħid illi l-Bord ma kellux is-setgħa li jqis it-talba tiegħu bħala mhux valida għax saret wara ż-żmien meta l-Kummissarju kien qiesha bħala valida.

“Il-fatti kif miġjuba hawn fuq juru ċar illi din il-premessa tal-attur hija żbaljata. Il-Kummissarju ma iddeċidiex “għal raġunijiet speċjali u eċċezzjonali li għandhom jissemmew fid-deċiżjoni tiegħu” illi jqis it-talba tar-rikorrent bħala valida; anzi, mhux talli ma semma ebda raġuni għala għandha titqies hekk iżda lill-attur qallu espressament illi “*you did NOT present your request for refugee status within the time-frame allowed by law*”. Il-fatt illi l-Kummissarju, bla ma kellu għalfejn, beda biex ta raġunijiet oħra għala t-talba ma setgħetx tintlaqa’ ma jfissirx illi ħa l-pass eċċezzjonali li jqis it-talba bħala valida minkejja dak li tgħid u trid il-liġi.

“Il-Bord għalhekk ma qiesx bħala invalida talba li l-Kummissarju kien qiesha bħala valida, kif irid igħid l-attur; li għamel il-Bord kien li wettaq id-deċiżjoni tal-Kummissarju għalkemm b’espożizzjoni ta’ raġunijiet aktar preċiża u aktar ekonomika minn dik tal-Kummissarju u forsi wkoll aktar teknikament korretta għax ma tax raġunijiet li ma kinux strettament relevanti, għalkemm forsi utli għas-sodisfazzjon tal-attur stess biex dan ikun jaf illi t-

talba tiegħu ma ġietx miċħuda biss għax għamilha wara ż-żmien.

"Ladarba għalhekk il-premessa li fuqha l-attur sejjes it-talbiet tiegħu hija radikalment ħażina, l-istess talbiet ma jistgħux jintlaqgħu, u ma huwiex meħtieġ li nqisu wkoll l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija fit-3 ta' Novembru 2009 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per l-Imhallef Giannino Caruana Demajo, fl-ismijiet fuq premessi u minflok taqta' billi tibghat l-atti tal-kawza lura fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili u dan sabiex ikunu jistghu jigu trattati t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta li l-appell tal-appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu b'riserva ghall-produzzjoni ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi f'kaz illli dan ikun mehtieg.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-attur f'din il-kawza huwa immigrant irregolari. Huwa harab mil-Libja f'Gunju tal-2006 u dahal Malta, u wara xi erba' xhur applika ghal status ta' rifugjat. Skont il-ligi, talba ghal stat ta' azil kellha ssir fi zmien xahrejn minn meta l-applikant jasal Malta. L-istess ligi pero`, kienet taghti diskrezzjoni lill-Kummissarju tar-Rifugjati li, "ghal ragunijiet specjali u eccezzjonali li ghandhom jissemmew fid-decizjoni tieghu", iqis valida applikazzjoni li tkun saret tardivament. F'dan il-kaz, it-talba ghal azil saret wara t-terminu ta' xahrejn, izda l-Kummissarju ddecieda li kienu

jezistu ragunijiet specjali u eccezzjonali biex xorta wahda jqis l-applikazzjoni bhala valida. Il-Kummissarju qies l-applikazzjoni fil-meritu u cahad it-talba biex l-attur jinghata stat ta' rifugjat.

L-attur appella mis-sentenza ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Att dwar ir-Refugjati (Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta), izda l-Bord tal-Appelli cahad l-appell fuq il-bazi li kien applika "for refugee status in Malta long after the peremptory period of two months required by law and that you only did so after having been arrested for travelling on a false passport and assaulting a police officer".

L-attur ressaq din il-kawza ghax qed isostni li din id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati giet mehuda fuq interpretazzjoni hazina tal-ligi, peress li skont hu, huwa biss il-Kummissarju ghar-Refugjati illi ghandu l-awtorita` jiddeciedu dwar in-nullita` o meno ta' talba ghal azil li tkun saret aktar minn xahrejn wara li applikant ikun dahal Malta. L-attur isostni li l-Bord tal-Appelli ma ghandux setgha jirrevedi l-ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-Kummissarju ghar-Refugjati, u darba kellu appell fil-meritu, kellu jillimita ruhu li jqis biss il-meritu.

L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici wara li qieset li, fil-verita, l-applikazzjoni tressqet tard, u kull ma ghamel il-Bord kien li "wettaq id-decizjoni tal-Kummissarju" fuq dan il-punt.

L-attur appella mis-sentenza bl-aggravju jkun li l-ewwel Qorti jidher li sfuggielha li l-Kummissarju kien qies l-applikazzjoni valida, u li l-Bord cahadlu l-appell (fil-meritu) minghajr ma kkonsidra ghaliex kien qed imur kontra d-decizjoni tal-Kummissarju.

Din il-Qorti tosserva li, jidher, li, almenu fuq l-ewwel punt l-attur appellant ghandu ragun. L-ewwel Qorti qalet li l-Kummissarju kien ikkummenta illi l-applikazzjoni tal-attur ma saretx fi zmien li trid il-ligi, u qalet ukoll li "il-fatt illi l-Kummissarju, bla ma kellu ghalfejn, beda biex ta ragunijiet ohra ghala t-talba ma setghetx tintlaqa', ma jfissirx li ha l-

pass eccezzjonali li jqis it-talba bhala valida minkejja dak li tghid u trid il-ligi".

Fil-fatt, pero`, il-Kummissarju ghar-Refugjati ha dan il-pass eccezzjonali, u dana meta, b'mod car u espress, stqarr fir-rapport tieghu illi kienu jezistu "special and exceptional reasons to consider his application valid", u anke elenka x'kienu, fil-fehma tieghu, dawk ir-ragunijiet. Il-paragrafu rilevanti tar-rapport tal-Kummissarju jghid hekk:
"*The Office of the Refugee Commissioner is of the opinion that IC's reasons for failing to apply for refugee protection within the two-month period allowed by the Refugees Act from the time of a persons arrival in Malta, cannot be considered totally convincing. Nonetheless, this Office is of the opinion that, considering (a) it is not clear whether it is true or not that IC did show the intention or perhaps tried to seek international protection in Malta within the two-month period allowed by law from the date of one's arrival in Malta; (b) the nature of IC's claims regarding what is supposed to have happened to him in his country of origin before coming to Malta, there were special and exceptional reason to consider his application valid.*"

Il-Bord tal-appelli, minghajr ma ghamel referenza ghal din il-parti tar-rapport, qabad u cahad l-appell tal-attur peress li qies li l-applikazzjoni kienet fuori termine.

Trattat issa l-meritu tal-appell, din il-Qorti tosserva illi d-diskrezzjoni jekk applikazzjoni tardiva ghandhiex titqies valida jew le hija imhollija bil-ligi f'idejn il-Kummissarju ghar-Refugjati. Huwa dan il-Kummissarju li, bil-ligi, ghandu s-seta' iqis u jevalwa applikazzjoni tardiva bhala valida jew le; dik id-decizjoni, tista' tkun soggetta ghal 'judicial review', pero`, ma tistax tigi uzurpata minn xi hadd iehor. La darba l-ligi tvesti l-esercizzju ta' diskrezzjoni f'idejn ufficjal partikolari huwa dak l-ufficjal li jrid jezercitaha. Kif inghad, dak l-uzu ta' diskrezzjoni jista' jkun suxxettibbli ta' stharrig gudizzjarju (bhal, per ezempju, jekk ikun ha in konsiderazzjoni cirkustanzi irrelevanti jew jekk ikun injora cirkostanzi relevanti), pero`, id-decizjoni trid tittiehed minnu. L-ezercizzju ta'

diskrezzjoni jista' jigi mhassar mill-Qorti/Tribunal kompetenti, pero`, jekk jigri dan, il-kaz irid jigi referit lil dak l-ufficjal mghoni b'dak il-poter, u l-Qorti/Tribunal ma tistax hi tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tal-ufficjal inkarigat.

Hawnhekk, id-decizjoni li ha l-Kummissarju li qies l-applikazzjoni valida ma giet attakkata minn ebda naha, u l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati ma kellux jehodha fuq spallejh u jaqbad u jwarrab l-applikazzjoni tal-attur meta kienet giet meqjusa valida. Darba li l-Kummissarju ezercita d-diskrezjoni tieghu kif trid il-ligi, u darba li dik id-decizjoni tieghu ma gietx attakkata, (peress li tressaq biss appell fuq il-meritu mill-attur), il-Bord tal-Appelli kellu jipprocedi bis-smigh tal-kaz <u>kif imressaq quddiemu</u> u mhux imur u jiddeciedi oltre <u>billi jqis hu stess</u> il-validita` o meno tal-applikazzjoni.

Tqum issa l-kwistjoni jekk din il-Qorti tistax thassar decizjoni tal-Bord u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 7(9) tal-Att li jghid li decizjoni tal-Bord ma tistax tigi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-gustizzja. Hu principju ta' dritt, pero`, li l-gurisdizzjoni inerenti tal-qrati ta' "judicial review" ma tista' titnehha minn ebda ligi, ghax ma jistax jigi accettat li l-legislatur qatt jista' jippermetti li decizjoni tittiehed bi ksur tal-principji ta' gustizzja naturali jew kontra l-ligi.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Washimba v. Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati et**, deciza fit-28 ta' Settembru, 2012, ghalkemm f'kuntest differenti, il-qrati ordinarji ghandhom il-poter jissindikaw l-operat ta' kull tribunal jew bord biex jaraw li dak il-bord jew tribunal ikun mexa skont il-ligi. Gie osservat a propozitu hekk in subjecto materja:
"*Il-kompetenza tal-Bord kienet limitata biex tistharreg talba ghal status ta' rifugjat fil-meritu, u ma kellu ebda setgha jara jekk dik it-talba kinitx jew le ammissibbli skont l-Artikolu 18A tal-Att. Darba li l-Bord mar kontra l-ligi, din il-Qorti ghandha d-dritt u d-dover li thassar dik id-decizjoni. Il-Bord iddecieda ultra vires s-setghat tieghu ghax ma kellux poter jiehu d-decizjoni li ha in prim istanza. Ma*

*kinitx decizjoni tieghu li jiehu, u l-Bord kellu jqis l-applikazzjoni ammissibbli u jitratta l-kaz fuq il-meritu.*

"*Fil-ktieb "Garner's Administrative Law" (James B.L. pagna 107-108) jinghad illi:*

"*"in circumstances where the gravity of the complaint cannot be brought within the terms of one of the ordinary causes of action, the citizen may nevertheless have a remedy in the courts in the following situation: (a)where a statute expressly confers a right of appeal to a named court; or (b) where he can invoke the inherent supervisory jurisdiction of the High Court to review the conduct of persons or bodies purporting to exercise statutory function, to ensure that they remain within the confines of their statutory powers (intra vires) and do not stray beyond the limits of that authority (ultra vires), and also to ensure that duties owed to the public are duly performed."*

"*Dan hu preciz dak li se taghmel din il-Qorti f'din il-kawza, u cioe`, li thassar id-decizjoni tal-Bord peress li dak l-istess Bord "did not remain within the confines of [its] statutary powers". Il-Qrati Civili jistghu jissindikaw l-operat ta' kwalsijasi tribunal jew bord imwaqqaf bil-ligi, l-ewwelnett biex jassiguraw li l-principji tal-gustizzja naturali jkunu osservati u, fit-tieni lok, biex jassiguraw li ma jkunx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi fis-sens lat tal-frazi, fis-sens li ghandhom jassiguraw mhux biss li d-decizjoni innifisha ma tkunx wahda "wrong at law", izda li t-Tribunal jew Bord ikollu s-setgha legali jaghti dik id-decizjoni.*"

Dan kollu japplika wkoll ghal dan il-kaz, peress li l-Bord tal-Appelli, kif kien il-kaz imressaq quddiemu, ma kellux is-setgha jissindika l-uzu tad-diskrezzjoni mill-Kummissarju, u lanqas ma kellu s-setgha jiddeciedi hu jekk l-applikazzjoni kenitx valida jew le.

Kwindi t-talbiet tal-attur jimmeritaw li jkunu milqugha, hlief ghar-raba' talba peress li, kif inghad diversi drabi mill-qrati, ma jistax jigi konfermat mandat kawtelatorju kif qed jigi mitlub.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur, billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka d-decizjoni li tat l-ewwel Qorti fit-3 ta’ Novembru, 2009, u tghaddi biex minflok tilqa’ l-ewwel tlett talbiet tal-attur kif dedotti; tichad, pero`, ir-raba’ talba.

L-ispejjez tal-Bord, kif deciz mill-ewwel Qorti fl-udjenza tad-19 ta’ Gunju, 2008, jibqghu bla taxxa, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha tal-kawza jithallsu mill-appellati Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija bhala *Principal Immigration Officer*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------